27.06.2017

# Nagħlqu bil-kbir il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2017 bħalma bdejnieha

## Prestazzjoni tal-Mistednin Speċjali mis-Super Group Vokali Ċċertifikat Multi-Platinu The Tenors

Kollox; kull proġett, kull okkażjoni, kull avveniment maġġuri, maż-żmien irid jiġi fi tmiemu. Dan jgħodd ukoll għall-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2017 – mument uniku u importanti fl-istorja tal-politika Maltija li ġab miegħu għadd kbir ta' kisbiet u ħafna tifħir politiku għall-pajjiżna. Kien żmien mill-isbaħ – sitt xhur beżlin b'bosta avvenimenti politiċi u kulturali li ġibdu għexieren ta' eluf ta' nies lejn ix-xtut tagħna.

Fil-veru spirtu ta' rEUnion, li kienet it-tema ċentrali ta' din il-Presidenza, ser inkunu qegħdin niċċelebraw kulma ksibna bl-istess mod li konna ħabbarna l-għanijiet u l-prijoritajiet tagħna f'Jannar, voldieri bil-mużika.

L-istabbiliment Smart City ser ikun iċ-ċentru tal-attivitajiet kollha li ser jittellgħu nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju. Dakinhar għadd kbir ta' ċelebritajiet mużikali Maltin ser jiddevertu lill-udjenza flimkien ma' 23 mużiċist immexxija mill-Mro Paul Abela. Il-kunċert ser jinkludi l-mistednin speċjali The Tenors (Fraser Walters, Clifton Murray u l-Malti-Kanadiż Victor Micallef), band rebbieħa ta' bosta premji li tat prestazzjoni madwar id-dinja u hija magħrufa għat-taħlita ta' mużika klassika u pop kontemporanju. Mit-20.30 sal-23.00 il-kunċert tal-għeluq ser jippreżenta lill-udjenza sagħtejn u nofs ta' mużika bla waqfien fuq palk uffiċjali mixgħul b'dwal mill-isbaħ, bi spettaklu sabiħ tal-ilma jiżfen fil-funtana ta' Smart City.

Dan l-avveniment ser ikun miftuħ għall-pubbliku bla ħlas. Dan għandu jkun il-veru simbolu tal-quċċata tar-rEUnion – biċ-ċittadini tagħna, li huma l-qofol ta' dan il-proġett tagħna, jissieħbu magħna fiċ-ċelebrazzjoni ta' wieħed mill-iktar perjodi ta' suċċess fl-istorja politika Maltija – il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2017.

**DWAR THE TENORS**

L-udjenzi ta' madwar id-dinja dejjem laqgħu b'entużjażmu lil The Tenors bil-kanzunetti qawwija tagħhom, b'armonija straordinarja u b'kariżma kbira. Il-band rebbieħa ta' bosta premji, iċċertifikata multi-platinu, li qed tħallat mużika klassika ma' pop kontemporanju kisbet suċċess internazzjonali, u tat prestazzjoni ta' kważi 1000 spettaklu f'ħames kontinenti.

Is-super grupp vokali Kanadiż ta prestazzjoni lil dawn l-aħħar erba' Presidenti tal-Istati Uniti, inkluża l-familja ta' Obama għall-White House Christmas Tree Lighting, lill-mexxejja dinjija waqt is-Summit tal-G20, waqt iċ-ċeremonji tal-ftuħ tal-XXI Edizzjoni tal-Logħob Olimpiku tax-Xitwa, waqt il-Ġubilew tad-Djamant tal-Maestà tagħha r-Reġina, u aktar riċenti waqt id-90 ċelebrazzjoni ta' għeluq sninha fil-Kastell Windsor.

## 27.06.2017

The Tenors kellhom l-unur jagħtu prestazzjoni flimkien ma' wħud mill-aqwa kantanti fix-xena tal-mużika inkluż Sir Paul McCartney, Sarah McLachlan, Sting, Justin Bieber, Andrea Bocelli, Sir Elton John, Smokey Robinson, Stevie Wonder, Lionel Richie u David Foster. Għamlu wkoll iktar minn 150 apparenza fuq it-televiżjoni inkluż The Oprah Winfrey Show ma' Celine Dion u x-Xandira tal-Primetime Emmy Awards.

Għal informazzjoni aġġornata dwar The Tenors, żur is-sit tenorsmusic.com.



## 27.06.2017




https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/35437251811/
https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/35437258631/